MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 144/2007

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-30 ta' Marzu, 2007 li permezz tiegħu l-attriċi esponiet bir-rispett:

1. Illi hija żżewġet lill-intimat f'Malta fit-2 ta' Frar, 1972, liema żwieġ ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta bl-Att taż-żwieġ li jġib in-numru _____________, (Dokument A);

2. Illi minn dan iż-żwieġ twieldu ħamest itfal li llum huma lkoll maġġorenni;

3. Illi ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment għal raġunijiet imputabbli lill-intimat li rrenda ruħu ħati ta’ vjolenza, swat, servizzi, minaċċi u inġurji gravi fil-konfront tar-rikorrenti martu, u dan *stante* l-problema ta’ alkoħol eċċessiv li għandu l-intimat;

4. Illi b’riżultat tal-vjolenza li kienet issofri, r-rikorrenti ġiet kostretta li tallontana ruħha mid-dar matrimonjali u tikri post mingħand terzi;

5. Illi r-rikorrenti tixtieq li tissepara *ad mensa et thoro* minn ma’ l-intimat u konsegwentement isseħħ ukoll ix-xoljiment u d-diviżjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti eżistenti bejniethom;

6. Illi r-rikorrenti tixtieq ukoll illi jiġi ddikjarat li bħala konsegwenza tas-surreferit l-intimat iddekada mill-jeddijiet konjugali kollha previsti mill-Kodiċi Ċivili (Kapitlu 16 tal-liġijiet ta’ Malta);

7. Illi r-rikorrenti ġiet debitament awtorizzata tistitwixxi dawn il-proċeduri permezz tad-digriet ta’ din l-Onorabbli Qorti datat id-9 ta’ Jannar, 2007 u numerat 24/2007, kopja ta’ liema tinsab hawn annessa u mmarkata Dokument B; liema terminu ġie estiż permezz ta’ digriet ta’ din l-Onorabbli Qorti datat 26 ta’ Marzu, 2007 u numerat 502/2007, Dokument C.

Għar-raġunijiet premessi, r-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-firda personali bejn il-konjuġi A u B għal raġunijiet imputabbli lill-intimat;

2. Tittermina u tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti, u għalhekk tgħaddi sabiex tillikwida u tiddividi l-istess komunjoni ta’ l-akkwisti, okkorrendo bil-ħatra ta’ nutar biex jippubblika l-att pubbliku u kuraturi biex jidhru għall-eventwali kontumaċi;

3. Takkorda lill-istanti manteniment xieraq għaliha u tordna lill-intimat sabiex iħallas l-istess manteniment;

4. Tiddikjara li r-rikorrenti għandha tibqa' tgħix fid-dar matrimonjali u *cioe'* ___________________________, *ad* esklużjoni ta' l-intimat;

5. Tapplika kontra l-intimat interament jew in parti s-sanzjonijiet stipulati fl-Artiklu 48 u/jew 51 sa 55 tal-Kodiċi Ċivili (Kapitlu 16 tal-liġijiet ta' Malta) u dan bħala konsegwenza tal-ħtijiet manifesti ta' l-intimat fit-tkissir ta' dan iż-żwieġ.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li huwa nġunt sabiex jidher in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenut naqas li jippreżenta risposta ġuramentata.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Frar, 2008 li permezz tiegħu l-konvenut talab li jingħata opportunita' li jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu u l-oppożizzjoni ta' l-attriċi. Rat id-digriet li permezz tiegħu ġiet nominata l-Assistenta Ġudizzjarja Dr. Elena Naudi Depasquale biex tisma' l-provi fir-rigward.

Rat il-verbali ta' dawn is-seduti.

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2008 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza fuq din it-talba.

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenut biex jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu qed jgħid li huwa baqa' kontumaċi għaliex kien indispost meta saret in-notifika ta' l-atti in kwistjoni għaliex dak iż-żmien kien weġġa' fuq ix-xogħol.

Il-Qrati tagħna f'dawn l-aħħar snin irrilassaw mhux ftit fid-diskrezzjoni tagħhom biex jakkordaw lill-konvenuti kontumaċi l-fakolta' li jippreżentaw id-difiża tagħhom. Per eżempju fil-kawża Joseph Naudi Montalto vs Emanuel Xuereb deċiża fis-27 ta' Frar, 1995 din il-Qorti elenkat numru ta' regoli dwar sitwazzjonijiet simili.

Dawn huma:

1. Il-kontumaċja ma tistax tiġi ġustifikata jekk kienet volontarja.

2. Anqas tista' tiġi skużata jekk almenu kolpuża (ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet Cilia vs Farrugia (Appell Inferjuri – 29 ta' Novembru, 1958).

3. Biex ikun hemm lok għal ġustifikazzjoni hemm bżonn li tiġi ppruvata kawża ġusta.

4. Din il-kawża ġusta għandha tkun tikkonsisti f'impediment leġittimu.

5. L-impediment biex ikun leġittimu għandu jkun indipendenti mill-volonta' tal-kontumaċi.

6. L-iżball mhux impediment leġittimu jekk ma jkunx invinċibbli.

7. Dan l-impediment leġittimu jista' jkun *una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili.*

8. L-impossibbilta' li wieħed jidher għas-subizzjoni jew almenu d-diffikolta' gravi biex tista' tikkostitwixxi impediment leġittimu għandu jkun fiżiku u eċċezzjonalment biss tista' tkun morali.

F'dan il-każ il-Qorti ma tħossx li l-konvenut jista' jgħaddi minn dan it-*test*. L-ewwel nett l-inċident fejn weġġa' ġara fl-aħħar ta' Ottubru 2007 (skond il-karti ta' l-isptar) meta n-notifika kienet *gia'* saret (f'nofs Settembru) u *oltre* dan

huwa qatt ma kien f'pożizzjoni ta' impossibbilta' li jagħmel kuntatt mad-difensur tiegħu. Jirriżulta wkoll li huwa kien jaf li kien hemm proċeduri tant illi anke f'Awissu 2007 ġie notifikat b'rikors għall-alimenti u baqa' ma wieġbux. Jidher għalhekk li b'mod ġenerali ħa attitudni ta' non-kuranza fir-rigward tal-proċeduri tal-Qorti u issa ma jistax jitlobha tgħid li qisu ma ġara xejn.

**Il-Qorti għalhekk tiċħad it-talba tal-konvenut biex jippreżenta risposta ġuramentata.**

**L-ispejjeż ta' din l-istanza jitħallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------